# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **381/2019**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED** [REG. NRU. C-3143] **KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGHHA CONDOMINIUM SOLUTIONS LIMITED BHALA AMMINISTRATUR TA' ST. AGATHA OWNERS ASSOCIATION, SKOND IL-LIGI U SKOND IL-POLZA TA' ASSIGURAZZJONI** (CLAIM N18001822)

***VERSUS***

**KORPORAZZJONI GHAS-SERVIZZI TA' L-ILMA**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Dicembru, 2019 fejn l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallassha s-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u tmenin ewro u tmienja u disghin centezmi (€2,285.98c) rapprezentanti hsarat u danni sofferti mill-assikurata Comdominium Solutions Limited bhala amministraturi ta' St. Agatha Owners Association in segwitu ghal ingress ta' ilma li sehh fil-blokk ta' appartamenti maghruf bhala Sant' Agatha gewwa Vjal Indipendenza fiz-Zurrieq meta fl-24 ta' Mejju, 2018 sehh leakage minn *main water pipe* ta' l-ilma u b'konsegwenza sehhew diversi hsarat fosthom fil-lift u partijiet komuni tal-blokk appartament in kwistjoni, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dawk marbuta ma' ittra ufficjali numru 2195/2019 u bl-interessi fuq is-sorte mit-28 ta' Ottubru, 2019 (data notifika ta' l-ittra ufficjali).

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha u/jew xi difensur ghaliha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2020 (*a fol*. 7), il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, izda nonostanti tali notifika, l-istess konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha jew difensur ghaliha fis-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilha ta' l-atti biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenuta, ghalhekk, gie dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-ahhar imsemmija udjenza (*a fol*. 7).

Fl-udjenza successiva, dik ta' l-4 ta' Marzu, 2020 (*a fol*. 9), gie prezentant kapitolu mill-attrici fil-konfront ta' l-imsemmi konvenuta (ara *a fol*. 10). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2020, hekk kif registrat fil-verbal relattiv (*a fol*. 13). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija, f'liema udjenza l-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

Fl-istess udjenza tad-19 ta' Novembru, 2020 gie ukoll registrat hekk: "*Dr. Claudine Pace Zarb, seduta stante, qed tezebixxi Nota illi permezz taghha tinforma lit-Tribunal illi l-Korporazzjoni Konvenuta issaldat is-sorte fl-ammont ta' EUR2285.98 lill-Attrici*

*izda fadal pendenti l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' din il-kawza, limitatament ghall-ammont a' EUR63.44 hekk ahjar deskritt fl-imsemmija Nota. Fid-dawl ta' dak fuq registrat, Dr. Claudine Pace Zarb, filwaqt li tirrileva li m'ghandiex provi ulterjuri xi tressaq, titlob li l-procediment jibqa' ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.*"

Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni, jidher illi l-konvenuta implicitament ammettiet l-istanza kontra taghha u dan l'ghaliex issaldat l-ammont reklamat in linea ta' hsarat f'dawn il-proceduri. Tali ammissjoni implicita, konsegwentement, tattira wkoll l-obbligu fuq l-istess konvenuta li tindennizza lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk accessorji ghalihom. Tali spejjez gudizzjarji gew specifikatament indikati mill-attrici fin-nota taghha (*a fol*. 15) fl-ammont ta' €63.44c.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jastejni milli jippronunzja ruhu dwar l-ammont ta' elfejn, mitejn u hamsa u tmenin ewro u tmienja u disghin centezmi (€2,285.98c) rapprezentanti hsarat u danni, peress li tali ammont diga' gie imhallas u saldat mill-konvenuta lill-attrici fil-mori ta' dawn il-proceduri, jikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ispejjez gudizzjarji kif domandat mill-attrici fl-ammont ta' tlieta u sittin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€63.44c).

Dwar l-imghaxijiet originarjament domandati fl-att promotur, l-attrici ma specifikat xejn fin-nota taghha mressqa fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2020 u ghalhekk it-Tribunal mhux ser jippronunzja ruhu dwarhom peress li jqishom rinunzjati mill-attrici.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*